

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 940/2004**tat-30 ta' April 2004****li jistipula r-rifużjoni massima fuq l-esportazzjoni ta' ross tond mitħun għad-destinazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi skond is-sejħa għall-offerti maħruġa bir-Regolament (KE) Nru 1875/2003**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jwassal għal organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tar-ross⁽¹⁾ u b' mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2002⁽²⁾, infetħet sejħa għall-offerti għr-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tar-ross.
- (2) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 584/75⁽³⁾ fuq il-bażi ta' l-offerti mressqa, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 tistipula rifużjoni massima fuq l-esportazzjoni. Għal dan l-istipular, wieħed għandu jikkunsidra b' mod partikolari l-kriterji pprovduti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95. Is-sejħa għall-offerti tintrebaħ minn kull

offerent li l-offerta tiegħu tkun tinsab fil-livell tar-rifużjoni massima jew f' livell inferjuri.

- (3) L-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq għas-sitwazzjoni attwali tas-suq tar-ross involut twassal sabiex tiġi stipulata rifużjoni massima fuq l-esportazzjoni għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 1.
- (4) Il-miżuri pprovduti f' dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rifużjoni massima fuq l-esportazzjoni ta' ross tond mitħun għad-destinazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi hi ffissata fuq il-bażi ta l-offerti mressqa bejn fis-26 u fid-29 ta' Arpil 2004 64,00 EUR/t skond is-sejħa għall-offerti li tissemma fir-Regolament (KE) Nru 1875/2003.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, tat-30 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 411/2002 (ĠU L 62, tal-5.3.2002, p. 27).

⁽²⁾ ĠU L 275, tal-25.10.2003, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 61, tas-7.3.1975, p. 25. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1948/2002 (ĠU L 299, ta' l-1.11.2002, p. 18).